SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

22 ta' Diċembru 2008 *

Fil-Kawża C-48/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Cour d'appel de Liège (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Frar 2007, fil-proċedura

État belge — Service public fédéral Finances

vs

Les Vergers du Vieux Tauves SA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, T. von Danwitz (Relatur), E. Juhász, G. Arestis u J. Malenovský, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: K. Sztranc-Sławiczek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Frar 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Les Vergers du Vieux Tauves SA, minn L. Herve u O. Robijns, avukati,

— għall-Gvern Belġjan, minn L. Van den Broeck, bħala aġent, assistita minn G. Vandersanden, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u C. Blaschke, bħala aġenti,

— għall-Gvern Elleniku, minn K. Georgiadis, I. Pouli, Z. Chatzipavlou u S. Alexandridou, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, minn M. Muñoz Pérez, bħala aġent,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u J. Ch. Gracia, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Olandiż, minn H. G. Sevenster u D. J. M. de Grave, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn V. Jackson, bħala aġent, assistita minn K. Bacon, barrister,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn R. Lyal u J.-P. Keppenne, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali [parent] u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU L 225, p. 6).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kwistjoni bejn Vergers du Vieux Tauves SA (iktar 'il quddiem "VVT") u l-État belge — Service public fédéral Finances (l-Istat Belġjan - Servizz Pubbliku Federali tal-Finanzi) dwar trattament fiskali riżervat mill-awtoritajiet tar-Renju tal-Belġju għad-dividendi rċevuti minn VVT mingħand NARDA SA (iktar 'il quddiem "NARDA").

Il-kuntest ġuridiku

Id-Direttiva 90/435

3 It-tielet premessa tad-Direttiva 90/435 tiddisponi:

"billi d-dispożizzjonijiet eżistenti tat-taxxa li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-kumpanniji ġenituri [parent] u s-sussidjarji tagħhom fl-Istati Membri differenti ivarjaw

b'mod apprezzabbli minn Stat Membru għall-ieħor u huma ġeneralment inqas vantaġġużi minn dawk li japplikaw għall-kumpanniji ġenituri [parent] u s-sussidjari fl-istess Stat Membru; billi l-kooperazzjoni bejn il-kumpanniji ta' Stati Membri differenti tiġi b'hekk żvantaġġata meta mqabbla mal-kooperazzjoni bejn il-kumpanniji fl-istess Stat Membru; billi huwa meħtieġ li jiġi eliminat dan l-iżvantaġġ bid-dħul ta' sistema komuni sabiex tiffaċilita r-raggruppament tal-kumpanniji".

4 L-Artikoli 3 u 4 ta' din id-direttiva jiddisponu:

"*Artikolu 3*

1. Għall-għanijiet sabiex tiġi applikata din id-Direttiva:

a) l-istatus tal-kumpannija ġenitur [parent] għandu jiġi attribwit għall-inqas lil kull kumpannija ta' Stat Membru li twettaq il-kondizzjonijiet iddikjarati fl-Artikolu 2 u li jkollha sehem minimu ta' 25 % fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor li twettaq l-istess kondizzjonijiet;

b) '(kumpannija) sussidjarja' għandha tfisser dik il-kumpannija li l-kapital tagħha jinkludi s-sehem riferit fil-[punt] (a).

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandu jkollhom il-għażla li:

— jibdlu, permezz ta' ftehim bilaterali, il-kriterju taż-żamma ta' sehem fil-kapital bil-kriterju ta' żamma ta' sehem bid-drittijiet għall-vot,

— li ma japplikawx din id-Direttiva għall-kumpanniji ta' dan l-Istat Membru li għal perjodu taż-żmien mhux interrott ta' mill-inqas sentejn rigward iż-żamma ta' l-ishma li jikkwalifikawhom bħala kumpanniji ġenitur [parent] jew għal dawk mill-kumpanniji tagħhom li fihom kumpannija ta' Stat Membru ieħor ma jżommux ishma minn dawn għal-perjodu taż-żmien mhux interrott ta' mill-inqas sentejn.

Artikolu 4

1. Meta kumpannija ġenitur [parent], bis-saħħa ta' l-assoċjazzjoni tagħha mal-kumpannija sussidjarja tagħha, tirċievi profitti mqassma, l-Istat tal-kumpannija ġenitur [parent] għandu, għajr meta din ta' l-aħħar tiġi llikwidata, jew:

— iżomm lura milli jintaxxa dawn il-profitti, jew

[…]

2. Madankollu, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jżomm il-għażla li jipprovdi illi kull impost li jkollu x'jaqsam ma' l-ishma u kull telf li jirriżulta mit-tqassim tal-qligħ tal-kumpannija sussidjarja jistgħu ma jitnaqqsux mill-profitti taxxabbli tal-kumpannija ġenitur [parent]. Meta l-ispejjeż tal-ġestjoni li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ishma f'dan il-każ jiġu ffissati bħala rata waħda uniformi, l-ammont iffissat ma jistax jaqbeż il 5 % tal-profitti mqassma mill-kumpannija sussidjarja.

[…]"

Il-kuntest ġuridiku Belġjan

5 L-Artikolu 578 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan jipprevedi:

"L-użufrutt huwa d-dritt li wieħed igawdi l-ħwejjeġ ta' ħaddieħor bħall-proprjetarju stess, bl-obbligu li jżomm is-sustanza tagħhom."

6 Fit-23 ta' Ottubru 1991 ġiet ippromulgata l-Liġi li tittrasponi fid-dritt Belġjan id-Direttiva tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji parent u sussidjarji (Moniteur belge tal-15 ta' Novembru 1991, p. 25619).

7 Din il-liġi tħassar il-kundizzjoni, li kienet teżisti fil-verżjoni applikabbli f'dak iż-żmien tal-Kodiċi tat-Taxxi fuq id-Dħul tas-26 ta' Frar 1964 (Moniteur belge tal-10 ta' April 1964, p. 3810), skont liema, sabiex kumpannija li tibbenifika minn dividendi tkun tista' tikseb it-tnaqqis tagħhom mill-qliegħ taxxabbli tagħha, is-sehem fil-kumpannija li tqassam dawn id-dividendi kellu jkun miżmum taħt proprjetà sħiħa.

8 L-Artikolu 202 tal-Kodiċi tat-Taxxi fuq id-Dħul tal-1992 ikkoordinat mid-Digriet Irjali tal-10 ta' April 1992 (Moniteur belge tat-30 ta' Lulju 1992, p. 17120), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"CIR 1992"), jistabbilixxi dan li ġej:

"§ 1 Għandhom jitnaqqsu wkoll mill-profitti mill-perijodu taxxabbli, sa fejn huma inklużi:

1° Id-dividendi, bl-eċċezzjoni tad-dħul miksub fl-okkażjoni tal-bejgħ lil kumpannija tal-azzjonijiet jew ishma tagħha stess jew waqt it-tqassim totali jew parzjali tal-assi ta' kumpannija;

[…]

§ 2 Id-dħul imsemmi fil-paragrafu 1(1) […], jista' jitnaqqas biss sa fejn fid-data tad-dikjarazzjoni jew tal-ħlas tiegħu, il-kumpannija benefiċjarja għandha sehem fil-kapital tal-kumpannija li tagħmel id-distribuzzjoni ta' mhux inqas minn 5 % jew li l-valur tal-investiment tiegħu jilħaq mill-inqas il-50 miljun Franc.

[…]”

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 Matul l-1999, VVT, kumpannija stabbilita fil-Belġju, akkwistat, għal tul ta’ għaxar snin, l-użufrutt tal-ishma ta’ NARDA. Din tal-aħħar ukoll hija stabbilita fil-Belġju, kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet ta’ VVT u tal-Gvern Belġjan ippreżentati waqt il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-proprjetà legali ta’ dawn l-ishma ġiet akkwistata minn BEPA SA (iktar ’il quddiem “BEPA”).

10 Il-Gvern Belġjan jindika, b’riferiment għall-Artikolu 578 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, li l-użufrutt jikkonferixxi lill-proprjetarju tiegħu d-dritt li jgawdi l-ħwejjeġ li ħaddieħor huwa l-proprjetarju tagħhom. Huwa jippreċiża li l-użufruttwarju għandu biss id-dritt għall-qligħ iddistribwit, filwaqt li l-qligħ irriżervat imur għand il-proprjetarju legali.

11 Għall-eżerċizzji ta’ tassazzjoni 2000 sa 2002, VVT, li, fid-dikjarazzjoni tat-taxxa fuq il-kumpanniji tagħha, kienet naqset id-dividendi rċevuti mingħand NARDA bħala dħul taxxabbli definittiv (iktar ’il quddiem id-“DTD”), ġiet irrifjutata dan it-tnaqqis mill-amministrazzjoni tal-kontribuzzjonijiet diretti li talbet il-ħlas tat-taxxa korrispondenti għal dawn id-dividendi.

12 VVT resqet ilment kontra dawn il-kontribuzzjonijiet żejda minħabba li d-dividendi kkontestati kellhom jitqiesu bħala DTD, anki jekk dawn kienu biss użufrutt fuq l-ishma kkonċernati fil-mument tal-ħlas ta’ dawn id-dividendi.

13 Dan l-ilment ġie miċħud, peress li l-amministrazzjoni tal-kontribuzzjonijiet diretti osservat li l-fatt li l-ishma kkonċernati jinżammu b'użufrutt ma jippermettix li jintalab it-tnaqqis previst fl-Artikolu 202 tas-CIR 1992, għaliex dan jista' jingħata biss lil min iżomm l-ishma bi proprjetà sħiħa. VVT ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal de première instance de Namur li, b'deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2005, laqgħa t-talbiet tagħha.

14 Il-Cour d'appel de Liège, li l-État belge — Service public fédéral Finances ressaq rikors quddiemha kontra din id-deċiżjoni, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-Liġi tat-28 ta' Diċembru 1992, li emendat it-test tal-Artikolu 202 tas-[CIR] 1992 billi għamlet referenza għad-Direttiva Nru [90/435] u eżigiet li l-benefiċjarju tad-dividendi jkollu sehem fil-kapital tal-kumpannija li qassmet dawn id-dividendi, peress illi din il-liġi ma tispeċifikax b'mod espliċitu li s-sehem għandu jinżamm minn persuna li taġixxi bħala proprjetarju assolut u għalhekk impliċitament tippermetti l-interpretazzjoni, li saret mill-intimat, li s-sempliċi pussess ta' dritt ta' użufrutt ta' ishma fil-kapital tal-kumpannija jwassal għad-dritt ta' eżenzjoni ta' taxxa fuq id-dividendi, hija kumpatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar iż-żamma ta' ishma fil-kapital, u b'mod partikolari mal-Artikoli 3, 4 u 5?"

Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u fuq l-ammissibbiltà tad-domanda preliminari

15 Filwaqt li VVT, il-Gvern Elleniku u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej isostnu li r-rinviju preliminari huwa ammissibbli, il-Gvern Taljan iqishu bħala inammissibbli u l-Gvernijiet tal-Ġermanja, ta' Franza, tal-Pajjiżi l-Baxxi u tar-Renju Unit jesprimu dubji dwar l-ammissibbiltà tiegħu. Filwaqt li l-Gvern Belġjan ma qajjem l-ebda oġġezzjoni formali dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-osservazzjonijiet tiegħu, dan ikkontestaha waqt is-seduta.

16 Sussidjarjament, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali kif hija prevista fl-Artikolu 234 KE, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġurisdizzjonali li għandha tittieħed, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża li tinsab quddiemha, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari biex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni dwarha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman, C-415/93, Ġabra p. I-4921, punt 59; tas-17 ta' Lulju 1997, Leur-Bloem, C-28/95, Ġabra p. I-4161, punt 24; tas-7 ta' Jannar 2003, BIAO, C-306/99, Ġabra p. I-1, punt 88, u tal-14 ta' Diċembru 2006, Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio, C-217/05, Ġabra p. I-11987, punt 16).

17 Ladarba d-domandi magħmula mill-qrati nazzjonali jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja hija għaldaqstant, bħala regola ġenerali, marbuta li tagħti deċiżjoni, sakemm ma jidhirx manifestament li d-domanda għal deċiżjoni preliminari tkun tali li, fil-verità, twassalha biex tagħti deċiżjoni permezz ta' kawża fittizja jew li tagħti opinjonijiet konsultattivi fuq kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi, li l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju mitluba ma għandha l-ebda relazzjoni mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża, jew inkella li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex l-elementi ta' fatt jew ta' dritt meħtieġa biex twieġeb b'mod effettiv għad-domandi li jkunu tressqu quddiemha (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq BIAO, punt 89, u Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio, punt 17).

18 Madankollu, dan mhuwiex il-każ fil-kawża preżenti.

19 Qabel kollox, għandu jiġi osservat li l-kwantità żgħira ta' informazzjoni pprovduta fiddeċiżjoni tar-rinviju ma tistax tagħmel il-preżenti rinviju preliminari inammissibbli. Filfatt, din id-deċiżjoni, minkejja l-ftit indikazzjonijiet li għandha dwar il-kuntest fattwali u dwar il-kuntest ġuridiku nazzjonali, tippermetti li tiġi ddeterminata l-portata taddomanda li saret, hekk kif jixhed il-kontenut tal-osservazzjonijiet ippreżentati millpersuni interessati l-oħra li mhumiex il-partijiet fil-kawża prinċipali li ppreżentaw tali osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, l-osservazzjonijiet ippreżentati minn VVT u l-Gvern Belġjan ipprovdew lill-Qorti tal-Ġustizzja biżżejjed informazzjoni sabiex tkun tista' tinterpreta r-regoli tad-dritt Komunitarju fir-rigward tas-sitwazzjoni li hija s-suġġett tal-kawża prinċipali u sabiex tagħti risposta utli għaddomanda li saret.

20 Bl-istess mod, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Gvern Taljan minħabba li l-qorti tar-rinviju ma pprovatx, f'dan l-istadju tal-proċedura, in-neċessità ta' risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domanda li saret sabiex tiġi deċiża l-kawża prinċipali għandha tiġi miċħuda. Fil-fatt, b'mod konformi mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 234 KE, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi f'liema stadju tal-proċeduri jeħtieġ, għal dik il-qorti, li tressaq domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenzi tal-10 ta' Marzu 1981, Irish Creamery Milk Suppliers Association *et.*, 36/80 u 71/80, Ġabra p. 735, punt 5; tat-30 ta' Marzu 2000, JämO, C-236/98, Ġabra p. I-2189, punt 30, kif ukoll tas-17 ta' Lulju 2008, Coleman, C-303/06, Ġabra p. I-5603, punt 29).

21 Fl-aħħar, fir-rigward tal-oġġezzjonijiet imqajma mill-Gvern Belġjan, għandu preliminarjament jiġi mfakkar li, b'mod konformi ma' ġurisprudenza stabbilita, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tkopri, bħala prinċipju, kwistjoni li tirrigwarda dispożizzjonijiet Komunitarji f'sitwazzjonijiet li fihom il-fatti fil-kawża prinċipali jaqgħu 'il barra millkamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju, imma li fihom l-imsemmija dispożizzjonijiet ikunu saru applikabbli mil-liġi nazzjonali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi

Leur-Bloem, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27; tas-17 ta' Lulju 1997, Giloy, C-130/95, Ġabra p. I-4291, punt 23; tat-3 ta' Diċembru 1998, Schoonbroodt, C-247/97, Ġabra p. I-8095, punt 14, kif ukoll tas-17 ta' Marzu 2005, Feron, C-170/03, Ġabra p. I-2299, punt 11).

22 Fl-ewwel lok, waqt is-seduta, il-Gvern Belġjan esprima xi dubji dwar il-fatt li l-Artikolu 202(2) tal-CIR 1992 huwa intiż sabiex jittrasponi d-dispożizzjoni rilevanti tad-Direttiva 90/435 u li din l-ewwel dispożizzjoni tirreferi, fir-rigward ta' sitwazzjonijiet interni, għas-soluzzjonijiet adottati minn din id-direttiva. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li fl-osservazzjonijiet tiegħu, dan l-istess gvern sostna li l-leġiżlatur Belġjan iddeċieda li jestendi t-traspożizzjoni ta' din id-direttiva għar-relazzjonijiet bejn kumpanniji parent u kumpanniji sussidjarji Belġjani, sabiex jevita diskriminazzjoni bejn kumpanniji Belġjani fir-rigward tat-trattament fiskali tal-profitti mħallsa lil kumpannija parent minn kumpannija sussidjarja skont in-nazzjonalità ta' din tal-aħħar. Barra minn hekk, il-Liġi tat-23 ta' Ottubru 1991 li tittrasponi fid-dritt Belġjan id-Direttiva tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji parent u sussidjarji, hija espressament intiża, kif jixhed it-titolu tagħha, għat-traspożizzjoni tal-imsemmija direttiva.

23 Fit-tieni lok, it-teżi tal-Gvern Belġjan li tgħid li, peress li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt Komunitarju tikkostitwixxi biss wieħed mill-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma torbotx lill-qorti tar-rinviju, ma tistax tqiegħed inkwistjoni l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

24 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li ċ-ċirkustanzi tal-każ fil-kawża prinċipali huma distinti minn dawk tal-kawża li wasslet għas-sentenza tat-28 ta' Marzu 1995, Kleinwort Benson (C-346/93, Ġabra p. I-615), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq domanda preliminari peress li s-sentenza tagħha ma kinitx torbot lill-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kuntest ta' din l-aħħar sentenza tillimita ruħha sabiex tadotta l-Konvenzjoni tas-

27 ta' Settembru 1968 fuq il-kompetenza ġudizzjarja u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-qasam ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32) bħala mudell, u kienet tirriproduċi t-termini b'mod parzjali biss.

25 Ċertament, fil-kuntest ta' din il-proċedura, il-qorti tar-rinviju ma tesprimix ruħha b'mod ċar fir-rigward tal-fatt jekk, u sa fejn, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja torbothiex għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali. Madankollu, il-fatt li din il-qorti tkun indirizzat ruħha lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tgħamillha domanda preliminari u li hija tkun stabbilixxiet, f'din id-domanda, relazzjoni bejn il-liġi nazzjonali u d-Direttiva 90/435 jwassal għall-kunsiderazzjoni li s-sentenza msemmija torbot lill-imsemmija qorti. L-ispjegazzjonijiet ipprovduti f'dan ir-rigward mill-Gvern Belġjan waqt is-seduta ma fihom l-ebda indikazzjoni oġġettiva li turi, b'mod ċar, li dan mhuwiex il-każ.

26 Fit-tielet lok, hekk kif jirriżulta mill-punti 21 u 33 tas-sentenza Leur-Bloem, iċċitata iktar 'il fuq, il-fatt biss li l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 202(2) tal-CIR 1992 ma tirriżultax b'mod esklużiv mis-sentenza li għandha tingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jipprekludix il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tiddeċiedi fuq id-domanda li saret.

27 Fil-fatt, fil-kuntest tad-diviżjoni tal-funzjonijiet ġudizzjarji bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, prevista fl-Artikolu 234 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-risposta tagħha lill-qorti nazzjonali, ma tistax tieħu inkunsiderazzjoni l-ekonomija ġenerali tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li, filwaqt li jirreferu għad-dritt Komunitarju, jiddefinixxu l-firxa ta' dan ir-rinviju (ara s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi, C-297/88 u C-197/89, Ġabra p. I-3763, punt 42). Għaldaqstant, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-limiti li l-leġiżlatur nazzjonali seta' jadotta għall-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju għal sitwazzjonijiet purament interni jifforma parti mid-dritt intern u, konsegwentement, mill-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru kkonċernat (sentenzi Dzodzi, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42, tat-12 ta' Novembru 1992, Fournier, C-73/89, Ġabra p. I-5621, punt 23, u Leur-Bloem, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33). Min-

naħa l-oħra, fir-rigward tad-dritt Komunitarju, il-qorti tar-rinviju ma tistax, fil-limiti tar-rinviju tad-dritt nazzjonali għad-dritt Komunitarju, tinjora l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

28 B'hekk, l-argumentazzjoni żviluppata mill-Gvern Belġjan sabiex iqiegħed indiskussjoni l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiġi miċħuda.

29 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li għandha tingħata risposta għad-domanda preliminari.

Fuq id-domanda preliminari

30 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-kunċett ta' sehem fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/435, jinkludix il-pussess ta' ishma b'użufrutt.

31 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu qabel kollox isir paragun bejn is-sitwazzjoni legali tal-proprjetarju tal-ishma ta' kumpannija u dik ta' użufruttwarju ta' tali ishma.

32 Mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Belġjan jirriżulta li, b'mod konformi mal-Artikolu 578 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, l-użufrutt jikkonferixxi lill-proprjetarju tiegħu id-dritt li jgawdi l-ħwejjeġ li ħaddieħor huwa l-proprjetarju tagħhom. Minn dan isegwi li l-użufrutt jikkostitwixxi relazzjoni legali bejn l-użufruttwarju u l-proprjetarju li l-proprjetà tiegħu hija mnaqqsa minħabba l-użufrutt.

33 Għaldaqstant, fil-kawża prinċipali, peress li VVT mhiex proprjetarja tal-ishma ta' NARDA, ir-relazzjoni legali li din għandha magħha ma tirriżultax minn statut ta' assoċjazzjoni, iżda dan ir-rapport jirriżulta mill-użufrutt li għandha. Dan l-użufrutt jippermetti lil VVT li teżerċita ċerti drittijiet li normalment jappartjenu lil BEPA daqs li kieku kienet is-sid tal-imsemmija ishma.

34 Min-naħa l-oħra, ir-relazzjoni legali ta' BEPA ma' NARDA hija dik ta' soċju, li tirriżulta biss mill-fatt li hija għandha, bi proprjetà legali, ishma fil-kapital ta' din il-kumpannija tal-aħħar. Dan is-sehem miżmum minn BEPA jissodisfa, b'mod ċar, il-kriterju ta' "żamma ta' sehem fil-kapital" skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/435 u din il-kumpannija, kemm-il darba tissodisfa wkoll il-kriterji l-oħra stabbiliti minn din id-direttiva, għandha titqies li hija "kumpannija ġenitur [parent]" skont l-imsemmi Artikolu 3.

35 Għaldaqstant, għandu jiġi evalwat jekk l-użufruttwarju tal-ishma ta' kumpannija, filwaqt li jkun kumpannija differenti mill-kumpannija li għandha dawn l-ishma, tistax titqies ukoll bħala li għandha l-kwalità ta' kumpannija parent, jiġifieri bħala li għandha sehem fil-kapital ta' kumpannija skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/435.

36 Kif jirriżulta b'mod partikolari mit-tielet premessa tagħha, id-Direttiva 90/435 għandha l-għan li telimina, permezz tat-twaqqif ta' sistema komuni ta' tassazzjoni, kwalunkwe

penalizzazzjoni tal-kooperazzjoni bejn kumpanniji ta' Stati Membri differenti meta mqabbla mal-kooperazzjoni bejn kumpanniji tal-istess Stat Membru u li b'hekk tiffaċilita l-kooperazzjoni tal-kumpanniji fuq skala Komunitarja (sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2001, Athinaïki Zythopoiïa, C-294/99, Ġabra p. I-6797, punt 25; tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 103; tat-3 ta' April 2008, Banque Fédérative du Crédit Mutuel, C-27/07, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 23, u, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2008, Burda, C-284/06, Ġabra p. I-4571, punt 51).

37 Għalkemm id-Direttiva 90/435 hija intiża sabiex telimina s-sitwazzjonijiet ta' tassazzjoni doppja tal-profitti mqassma mill-kumpanniji sussidjarji lill-kumpanniji parent tagħhom, b'mod ġenerali hija intiża sabiex telimina l-iżvantaġġi għall-kooperazzjoni transkonfinali bejn il-kumpanniji, li jirriżultaw, kif jirriżulta wkoll mit-tielet premessa tagħha, mill-fatt li d-dispożizzjonijiet fiskali li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-kumpanniji parent u dawk sussidjarji ta' Stati Membri differenti huma, ġeneralment, inqas favorevoli minn dawk li japplikaw għar-relazzjonijiet bejn kumpanniji parent u dawk sussidjarji tal-istess Stat Membru.

38 L-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 90/435 jimponi, sabiex il-kwalità ta' kumpannija parent tiġi rrikonoxxuta lil kumpannija, li din ikollha sehem fil-kapital ta' kumpannija oħra. Skont l-Artikolu 3(1)(b) tal-imsemmija direttiva, "kumpannija sussidjarja" għandha tfisser dik il-kumpannija li l-kapital tagħha jinkludi dan is-sehem. Minn dan jirriżulta li l-kunċett ta' "żamma ta' sehem fil-kapital" skont l-imsemmi Artikolu 3 jirreferi għar-relazzjoni legali li teżisti bejn il-kumpannija parent u l-kumpannija sussidjarja. Għaldaqstant, mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni tal-aħħar jirriżulta li din ma tieħux inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni fejn il-kumpannija parent tittrasferixxi lil terza persuna, f'dan il-każ lil użufruttwarju, relazzjoni legali mal-kumpannija sussidjarja, li bis-saħħa tagħha din it-terza persuna tista' wkoll titqies bħala kumpannija parent.

39 Konsegwentement, mill-kliem tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/435 jirriżulta li l-kunċett ta' żamma ta' sehem fil-kapital ta' kumpannija, skont din id-dispożizzjoni, ma jinkludix l-użufrutt li kumpannija jkollha fuq l-ishma fil-kapital ta' kumpannija oħra.

40 Din l-evalwazzjoni hija kkonfermata mill-ekonomija tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 90/435.

41 Fil-fatt, fl-ewwel lok, l-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva jirrigwarda l-każ fejn "kumpannija ġenitur [parent], bis-saħħa ta' l-assoċjazzjoni tagħha mal-kumpannija sussidjarja tagħha, tirċievi profitti mqassma". Issa, l-użufruttwarju tal-ishma ta' kumpannija jirċievi d-dividendi mqassma minnha bis-saħħa tal-użufrutt tiegħu. Is-sitwazzjoni legali tagħha fil-konfront tal-kumpannija sussidjarja ma tistax tikkonferilha l-kwalità ta' assoċjat, peress li din is-sitwazzjoni tirriżulta biss mill-użufrutt li ttrasferilu l-proprjetà tal-ishma fil-kapital tal-kumpannija sussidjarja, hekk kif josserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu.

42 Fit-tieni lok, b'mod konformi mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435, l-Istati Membri għandhom iżommu l-għażla li jipprovdu illi kull impost li jkollu x'jaqsam mal-ishma u kull telf li jirriżulta mit-tqassim tal-qligħ tal-kumpannija sussidjarja jistgħu ma jitnaqqsux mill-profitti taxxabbli tal-kumpannija parent. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istati Membri li jadottaw miżuri sabiex jipprekludu li l-kumpannija parent tgawdi minn vantaġġ fiskali doppju. Fil-fatt, din il-kumpannija tista', min-naħa waħda, skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, tirċievi profitti mingħajr ma tiġi ntaxxata u, min-naħa l-oħra, takkwista tnaqqis tat-taxxa permezz tat-tnaqqis bħala spejjeż ta' telf tas-sehem li jirriżulta mit-tqassim tal-imsemmija profitti.

43 Issa, kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Belġjan, l-użufruttwarju għandu biss id-dritt għall-profitti mqassma filwaqt li l-benefiċċji rriżervati jibqgħu għand il-proprjetarju legali. B'hekk, f'każ ta' distribuzzjoni tal-profitti, la l-użufruttwarju u lanqas il-proprjetarju legali ma jistgħu jgawdu minn vantaġġ fiskali doppju, peress li l-proprjetarju legali ma jirċievi l-ebda profitti u peress li l-użufruttwarju għandu biss dritt għall-profitti mqassma. Meta t-tqassim tal-profitti joħloq telf fis-sehem, il-possibbiltà mogħtija lil kull Stat Membru li jagħżel li dan it-telf ma jitnaqqasx mill-profitti taxxabbli tal-kumpannija parent tista' tiġi implementata biss fil-każ fejn l-istess kumpannija tirċievi l-profitti mqassma u tbati t-telf tas-sehem tagħha minħabba dan it-tqassim. Dan jikkonferma li l-leġiżlatur Komunitarju qies li l-"kumpannija parent" skont id-Direttiva 90/435 hija kumpannija waħda biss.

44 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kliem ċar u mhux ambigwu tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 90/435, hekk kif ikkonfermat mill-ekonomija tagħhom, il-kunċett ta' żamma ta' sehem fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor, imsemmi fl-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, ma jistax jiġi interpretat fis-sens li dan japplika għaż-żamma ta' ishma b'użufrutt fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor u b'hekk jiġu estiżi l-obbligi tal-Istati Membri relatati ma' dan (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2005, BCE vs Il-Ġermanja, C-220/03, Ġabra p. I-10595, punt 31, u tat-28 ta' Frar 2008, Carboni e derivati, C-263/06, Ġabra p. I-1077, punt 48).

45 Anki jekk il-kawża prinċipali tirrigwarda sitwazzjoni purament interna, għandu jiġi osservat li d-dritt Komunitarju jeħtieġ, fir-rigward tas-sitwazzjonijiet transkonfinali, li Stat Membru, li sabiex jevita t-tassazzjoni doppja tad-dividendi, jeżenta mit-taxxa kemm id-dividendi mqassma lil kumpannija li għandha ishma fil-kumpannija li tqassam bi proprjetà assoluta kif ukoll dawk imqassma lil kumpannija li żżomm tali ishma b'użufrutt, japplika l-istess trattament fiskali għad-dividendi riċevuti minn kumpannija residenti mingħand kumpannija residenti oħra bħall-każ meta dawn jiġu riċevuti minn kumpannija residenti mingħand kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor.

46 Fil-fatt, għalkemm, għal ishma li ma jaqgħux taħt id-Direttiva 90/435/KE, huma effettivament l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu jekk, u sa fejn, għandha tiġi evitata t-tassazzjoni doppja tal-profitti mqassma u li jdaħħlu, għal dan il-għan, unilateralment jew permezz ta' ftehim konkluż ma' Stati Membri oħrajn proċeduri intiżi sabiex jipprevjenu jew inaqqsu din it-tassazzjoni doppja, dan il-fatt waħdieni ma jfissirx li l-Istati Membri jistgħu jimponu miżuri li jmorru kontra l-libertajiet tal-moviment iggarantiti mit-Trattat KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, C-374/04, Ġabra p. I-11673, punt 54, u tat-8 ta' Novembru 2007, Amurta, C-379/05, Ġabra p. I-9569, punt 24).

47 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, ikun xi jkun il-mekkaniżmu adottat għall-prevenzjoni jew tnaqqis tal-impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi jew tat-tassazzjoni doppja ekonomika, il-libertajiet ta' moviment iggarantiti mit-Trattat jipprekludu lil Stat Membru milli jitratta b'mod inqas vantaġġuż id-dividendi ta' oriġini barranija milli d-dividendi ta' oriġini nazzjonali, sakemm din id-differenza fit-trattament ma tikkonċernax sitwazzjonijiet li ma jistgħux jiġu pparagunati oġġettivament jew jekk tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku (sentenza Test Claimants in the FII Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Għaldaqstant, l-interpretazzjoni li tgħid li Stat Membru li, għall-finijiet tal-eżenzjoni tad-dividendi rċevuti, jitratta bl-istess mod lil kumpannija benefiċjarja li għandha ishma b'użufrutt u dik li għandha ishma bi proprjetà assoluta, għandu jestendi dan l-istess trattament fiskali għad-dividendi rċevuti minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, hija konformi mal-għanijiet tad-Direttiva 90/435 li jikkonsistu f'li jiġu eliminati l-penalitajiet ta' gruppi ta' kumpanniji fuq skala Komunitarja u li tiġi evitata t-tassazzjoni doppja tad-dividendi mqassma fi ħdan grupp transkonfinali.

49 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda li saret għandha tkun fis-sens li l-kunċett ta' żamma ta' sehem fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/435, ma jinkludix iż-żamma ta' ishma b'użufrutt. Madankollu, skont il-libertajiet ta' moviment iggarantiti mit-Trattat KE, applikabbli għas-sitwazzjonijiet transkonfinali, meta Stat Membru, sabiex jevita

t-tassazzjoni doppja ta' dividendi rċevuti, jeżenta mit-taxxa kemm id-dividendi li kumpannija residenti tirċievi mingħand kumpannija residenti oħra li fiha żżomm ishma bi proprjetà assoluta kif ukoll dawk li kumpannija residenti tirċievi mingħand kumpannija residenti oħra li fiha żżomm ishma b'użufrutt, dan għandu japplika, għall-finijiet tal-eżenzjoni tad-dividendi rċevuti, l-istess trattament għad-dividendi rċevuti minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor mingħand kumpannija residenti li żżomm ishma bi proprjetà assoluta kif ukoll ta' tali dividendi rċevuti minn kumpannija residenti li żżomm l-ishma b'użufrutt.

Fuq l-ispejjeż

50 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-kunċett ta' żamma ta' sehem fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali [parent] u sussidjarji ta' Stati Membri differenti, ma jinkludix iż-żamma ta' ishma b'użufrutt.

Madankollu, skont il-libertajiet ta' moviment iggarantiti mit-Trattat KE, applikabbli għas-sitwazzjonijiet transkonfinali, meta Stat Membru, sabiex jevita t-tassazzjoni doppja ta' dividendi rċevuti, jeżenta mit-taxxa kemm id-dividendi li kumpannija residenti tirċievi mingħand kumpannija residenti oħra li fiha żżomm ishma bi proprjetà assoluta kif ukoll dawk li kumpannija residenti tirċievi mingħand kumpannija residenti oħra li fiha żżomm ishma b'użufrutt, dan għandu japplika, għall-finijiet tal-eżenzjoni tad-dividendi rċevuti, l-istess trattament għad-dividendi rċevuti minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor mingħand kumpannija residenti li żżomm ishma bi proprjetà assoluta kif ukoll ta' tali dividendi rċevuti minn kumpannija residenti li żżomm l-ishma b'użufrutt.

Firem